# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

### IMHALLEF

### ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Frar 2001

**Numru 48**

**Citaz. numru 778/90 DS**

Professor Joseph A. Micallef LL.D. u Dr. Anton Micallef LL.D. fil-kwalita` taghhom ta' mandatarji tad-ditta taljana S.p.A. F.lli Barbieri u Brian Bajada f'ismu proprju u bhala importatur ta' l-'APEROL'
vs
Silvio Camilleri, Louis Camilleri u Ronald Camilleri bhala diretturi u in rapprezentanza tad-ditta Master Wine Ltd.

Illum, 23 ta' Frar 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-11 ta' Lulju 1990 li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi l-atturi Professur Joseph Micallef u Dr. Anton Micallef LL.D. fil-kwalita taghhom ta' mandatorji specjali tad-ditta Taljana SPA Fratelli Barbieri debitament awtorizzaw bi prokura tat-18 ta' Dicembru 1989 (Dok. A) u Brian Bajada f'ismu propriu u bhala "sole agent" ta' l-APEROL ta' l-istess ditta Taljana liema ditta tipproduci w tesporta

f'Malta x-xorb aperitiv ftit alkoliku maghruf bl-isem "APEROL" w identifikat b'tikketta, liema isem u tikketta gew debitament registrati f'Malta mal-Kontrollur tal-Propjeta Industrijali u jgibu Numru 18026 u 18078 rispettivament fejn l-isem APEROL jidher miktub fuq it-tikketta b'karattri kbar sofor inizjalment fuq sfond limitat blu skur liema isem u sfond jifformaw parti ntegrali mit-tikketta propria u debitament registrata li ghandha sfond ahdar partikolari w identifikabbli ghall-fliexken ta' diversi daqs (Dok. B) tax-xorb ftit alkoliku APEROL, u li l-istess importazzjoni hawn Malta ssir esklussivament mill-attur l-iehor Brian Bajada wahdu;

Illi d-ditta konvenuta minkejja l-protesti ta' l-istanti qeghda tkompli tipproduci w tohrog ghall-bejgh fuq is-suq ta' Malta xorb fi fliexken simili hafna fil-forma taghhom ghal dawk ta' l-istanti kif jidher car f'dokument D u kif jigi ppruvat ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza u b'tikketti identici jew simili ghal dawk ta' l-istanti u cioe' bl-isem Master APERITIV (Dok. C) liema isem huwa miktub bhal dak li jidher fuq it-tikketta tad-ditta attrici (Dok. H) u cioe' inizjalment fuq sfond blu skur liema isem u sfond jifformaw parti integrali minn sfond principali ta' lewn ahdar u peress li l-isem tad-ditta konvenuta huwa miktub f'mod partikolari biex l-isem huwa enfasizzat b'mod simili hafna ghal dak li jinsab fit-tikketta tal-flixkun tad-ditta attrici kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u billi fuq l-istess tikketta l-isem Master APERITIV (Dok. I) huwa miktub fuq sfond fil-forma ta' cirku isfar u l-enfasi jinsab mitfuh fuq it-tieni kelma ta' l-isem, cioe' dik li taqra – APERITIV liema parti ta' l-isem wahdu ma jistax skond il-ligi jigi debitament registrat mal-Kontrollur tal-Propjeta Industrijali kif fil-fatt mhuwiex pero' l-uzu tieghu f'dan il-kuntest huwa intiz specifikament biex sia mill-att ta' disinn u sia mill-att ta' intonatura johloq konfusjoni illecita peress ta' effett identiku ghall-dak legitiment generat mill-prodott ta' l-istanti APEROL. Specjalment meta l-flixkun ikun angolat b'mod li tidher biss il-parti "Aper" (Dok. K)

Illi d-ditta konvenuta fi zmien precedenti ghal dak meta bdiet tipproduci u tiddistribwixxi ghall-bejgh x-xorb fuq imsemmi kienet tipproduci u tiddistribwixxi ghall-bejgh l-istess xorb fi fliexken ta' forma totalment divers ghal dawk presentement distributi mid-ditta konvenuta u b'tikketta wkoll totalment diversa sia in kwantu disinn, fl-ghazla ta' kuluri ta' l-isfond u sia l-isem li kien jaqra sempliciment Aperitiv liema isem ma kien emfasizzat b'ebda mod partikolari. (Dok. E)

Illi t-terminazzjoni mid-ditta konvenuta tal-produzjoni u distribuzzjoni ghall-bejgh tax-xorb fi fliexken b'tikketta bl-isem Aperitiv "simpliciter" a

favur tal-produzzjoni u distribuzzjoni ghall-bejgh tax-xorb presenti cioe' bl-isem Master APERITIV kif diga ntqal liema flixkun, tikketta u isem huma simili hafna ghal prodott tal-atturi APEROL jindika b'mod car l-atti illeciti fil-kummerc tad-ditta konvenuta kontra l-istanti.

Illi l-isem Master APERITIV, fil-kuluri w l-isfond tat-tikketta u d-disinn tal-flixkun maghzula mid-ditta konvenuta jikkostitwixxi konkorrenza mhux lecita a tenur ta' artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc u billi l-istess isem, marki u sinjali distintivi joholqu konfuzjoni fuq is-suq ma' l-isem u tikketta uzati legalment mill-istanti u b'hekk jillendu d-drittijiet taghhom u qeghdin jikkawzaw dannu serju ghan-negozju ta' l-istess istanti.

talbu lil din il-Qorti:

1. tinibixxi lill-konvenuti mill-produzzjoni, d-distribuzzjoni, r-reklamar, il-bejgh u li jesponu ghal bejgh sia direttament jew permezz ta' persuni fisici jew giuridici ohra tax-xorb bl-isem Master APERITIV minnhom prodott u distribwit;

2. tikkundanna lill-konvenuti (a) jikkonsenjaw lill-atturi fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din il-Qorti t-tikketti kollha bl-isem Master APERITIV biex jigu distrutti u (b) sabiex fl-istess terminu lilhom prefiss jitterminaw il-produzzjoni tax-xorb li jgib l-istess isem, u jirtiraw minn fuq is-suq sia minghand distributuri jew persuni ohrajn il-fliexken bit-tikketta bl-isem Master APERITIV biex dawn ukoll jigu kkonsenjati lill-istanti u distrutti minnhom;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

Illi it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi nomine stante li l-eccipjenti nomine ma kkommettew ebda konkorrenza sleali a tenur tal-Ligi kif allegat mill-atturi nomine fl-att tac-citazzjoni, u dana kif jigi ahjar provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tad-29 ta' Ottubru 1990 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet tal-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din hija kawza dwar konkorrenza zleali bazata fuq l-artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap 13) li jipprovdi hekk:

> *"Il-kummercjanti ma jistghux jaghmlu uzu ta' ebda isem, marka jew sinjal distintiv li jistghu jgibu tahwid ma' isem, marka jew sinjal distintiv iehor uzati skond il-ligi minn haddiehor, ukoll jekk dan l-isem, marka jew sinjal distintiv ta' haddiehor ma jkunux irregistrati skond l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta` Industrijali, lanqas ma jistghu jaghmlu uzu ta' ismijiet ta' ditti jew ta' ismijiet fittizji li jisthu jqarrqu lil haddiehor fuq il-vera importanza tad-ditta".*

Fl-affidavit tieghu **Francesco Perissinoto**, managing director tad-ditta attrici, qal illi l-isem kummercjali APEROL ilu jintuza minnhom bhala l-isem ta' l-aperitiv minn mindu gie prodott l-ewwel darba. Fuq kollox l-isem dejjem gie miktub b'mod distintiv b'kulur isfar kif jidher fid-dokument B (ritratt ta' flixkun ta' l-*Aperol*) anness mac-citazzjoni. Il-kuluri uzati fit-tikketta fil-fatt huma isfar, ahdar u blue bi sfond tad-deheb kif jidher fl-istess ritratt. Inoltre l-kulur ahmar tax-xorb u d-disinn tal-flixkun ilhom jintuzaw mid-ditta attrici ghal dawn l-ahhar sebghin sena.

**Brian Bajada**, l-importatur f'Malta tal-prodott *Aperol* stqarr illi hekk kif induna bid-distribuzzjoni tal-prodott tas-socjeta` konvenuta fis-suq huwa nforma lid-ditta Taljana li da parti taghha kienet minnufih ipprotestat ghall-mod kif kien qed jigi bottiljat u pprezentat fi flixkun kif ukoll b'tikketta li jixbhu ta' l-*Aperol*. Qal li meta kellem lil Silvio Camilleri dan qallu li kulhadd jikkopja lil xulxin biex ibiegh u ma kellu l-ebda intenzjoni li jnehhi l-prodott mis-suq. Zied ighid li kien ilu sena jistudja kif ser johrog il-prodott, nefaq hafna flus u kien qabbad artist professjonali. Minkejja diversi tentattivi minn dirigenti tas-socjeta` attrici biex jikkonvinvu lis-socjeta` konvenuta, ma ntlahaq l-ebda ftehim.

Bajada qal ukoll li matul il-Food & Beverage Trade Fair ta' diversi snin qabel ma giet intavolata l-kawza, kien hemm rapprezentant ibiegh xorb mill-istand tas-socjeta` konvenuta u li kien qed jinbiegh bhala "APEROL ta' Malta". Meta Bajada kkonfronta lir-rapprezentant u qallu li ma setax

ibiegh *Aperol* ta' Malta ghax ma jezistix, ir-rapprezentant qallu li d-dirigenti tas-socjeta` konvenuta kienu qalulu biex ighid hekk. Sussegwentement Silvio Camilleri skuza ruhu ghall-incident. Wara dan l-incident pero`, Bajada qal li ra bejjiegh il-Monti li kien qed ibiegh *Master Aperitiv* tal-konvenuti bhala l-*Aperol* ta' Malta u anke s-sidien tas-socjeta` C. Camilleri & Sons Ltd tal-Belt qalulu li kellhom klijenti jsaqsu ghall-*Aperol* ta' Malta.

**Silvio Camilleri**, direttur tas-socjeta` konvenuta, qal li l-prodott *Master Aperitiv* kien ilu jsir ghal madwar seba' snin b'dak l-isem u bil-prezz ta' Lm1.40. Il-flixkun li fih jigi bottiljat u l-label kienu wkoll ilhom jintuzaw ghal madwar seba'snin. Il-label inholoq minn disinjatur lokali li gie nkarigat ghal dan l-iskop. L-*Aperol* jinbiegh Lm2.65. Huwa pproduca diversi fliexken ta' xorb alkoholiku iehor biex juri li fil-kaz ta' prodotti ohra d-dehra fil-ghajn ta' dawk il-fliexken hija pjuttost simili. Il-fliexken li jintuzaw ghall-*Master Aperitiv* jigu importati mill-Italja u huma *standard*, inkluz it-tapp.

**Antonio Cremona** xehed li huwa graphic designer u kien gie nkarigat mis-socjeta` konvenuta biex jaghmel disinn ta' tikketta ghall-prodott ta' *Master Aperitiv*. Id-disinn tat-tikketta kien ghal kollox ix-xoghol tieghu u l-ideja tieghu kienet li peress li l-aperitiv kien xorb intiz biex jigi kkunsmat l-aktar fis-sajf, ried johloq impressjoni grafika ta' xemx imdawra bir-raggi. L-isfar intuza bhala kulur tax-xemx, id-deheb ghar-raggi huwa kulur li jintuza ta' sikwit fit-tikketti ghaliex igholli l-prestigju tal-prodott filwaqt li l-blu u l-ahdar uzahom ghaliex dehrlu li kienu kuluri attrajenti. Qal ukoll li meta jiddisinja label partikolari jzomm quddiem ghajnejh dak li jkun hemm fis-suq biex jipprova johloq xi haga ahjar. F'dan il-kaz ma kienx ispirat mit-tikketta ta' l-*Aperol*. In kontro-ezami qal li kien jara x'hemm fis-suq biex jassikura li x-xoghol tieghu jkun originali u fl-istess hin jara x-xejriet tal-prodotti ohrajn fis-suq. Innega li l-klient tieghu qatt qallu biex jaghmel disinn bhal dak ta' l-*Aperol*.

Fil-konsiderazzjonijiet tieghu l-perit legali rrefera ghal *Sebastian, Law of Trademarks*, li jghid li fil-kazijiet bhal dak in ezami ghandu jigi necessarjament ezaminat *"whether what the defendant has done is calculated to deceive, whether there is so much imitation that goods bearing the one mark may be readily mistaken for goods bearing the other and whether a more careful inspection that an ordinary purchaser would be likely to give is necessary to distinguish the mark and appearance of the former goods from those of the latter"*.

Huwa ghamel referenza ghall-gurisprudenza taghna li spjegat x'jista' jwassal lill-gudikant ghas-soluzzjoni ta' dawn il-kazijiet:

Hekk f'"Notaro George Alfred Page noe vs Negte. Giuseppe Tanti Bellotti noe" deciza fil-15 ta' Marzu 1905 (Vol. XIX.i.80), il-Qorti ta' l-Appell qalet li *"per la fraudolenta imitazione di un marchio di fabbrica contemplata dalla nostra legge non si richiede la imitazione perfetta d'un marchio legalmente usato da altri, ma basta che tale imitazione sia tale da poter trarne in inganno la generalita` dei compratori; l'attitudine del marchio imitato a trarre in inganno sulla natura dei prodotti e` l-elemento richiesto dalla legge per stabilire la contraffazione, e basta la possibilita` della confusione fra due marchi perche` si abbia usurpazione".*

U fis-sentenza fl-ismijiet "Negte Gustavo Pulis noe vs Giuseppe Tabone et" deciza fis-27 ta' Novembru 1922 (Vol. XXV.i.287) il-Qorti ta' l-Appell irriteniet li *"in materia di concorrenza illecita per confusione, il giudicante non deve badare alle differenze nei segni rilevabili da un acquirente diligentissimo, ma alle somiglianze atte a trarre in inganno un acquirente di media intelligenza".*

Irrefera wkoll ghal dak li gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet "Dr. Maurice Agius Vadala noe vs Albert Mizzi et noe" moghtija fid-9 ta' Awissu 1990 fejn il-Qorti tal-Kummerc qalet li *"l-ligi trid li biex tasal ghall-gudizzju x'jista' jgib tahwid, il-gudikant jrid jara jekk kemm-il darba meta huwa – bhala potenzjali konsumatur – jara esposti ghall-bejgh iz-zewg prodotti – minghajr ma joqghod jiflihom, jara jekk b'attenzjoni minima, jistax jithawwad billi flok jaghzel il-prodott li jkun irid jixtri, jew ahjar, li jkun f'mohhu li jixtri, jaghzel il-prodott konkorrenti ghaliex jahsbu li huwa dak li jrid. Kollox ghalhekk jiddependi mill-impressjoni psikologika li tigi kreata minn kull prodott mill-forma li fih jigi prezentat ghall-bejgh; forma komposta minn kliem, kuluri, stampi u arrangament li joholqu kompozizzjoni ta' poter assocjattiv fil-*psikologija tax-xerrej li telimina hafna mill-*aspetti analitici ta' l-akkwirent, li juzahom l-ewwel darba li jghaddi mill-esperjenza imma mbaghad tghaddi ghall-fazi abitudinarja li tant tiffacilita l-azzjoni umana".*

Kif tajjeb osserva l-perit legali, minn dan huwa evidenti li l-kwistjoni ta' konfondibilita` bejn iz-zewg prodotti hija kwistjoni ta' fatt u l-gudikant ghandu jaghti l-gudizzju proprju. Inoltre wiehed ghandu jhares tant lejn il-kumpless generali kemm lejn il-karatteristici principali tad-disinn u l-prezentazzjoni tal-prodott. M'hemmx ghalfejn ikun hemm identita` bejn id-disinn jew l-ismijiet uzati izda bizzejjed xebh li jista' jwassal fi zball.

M'hemmx ghalfejn li tkun saret konfuzjoni ghaliex il-potenzjalita` hija bizzejjed (F'dar-rigward ara per ezempju "Joseph Tanti Palmier vs Joseph Caruana Curran noe et, Vol. XLIX.iii.1099). Huwa kompla jiccita mis-sentenza "Agius Vadala noe vs Mizzi noe" fejn qalet li ghandhom jigu applikati *"... konsiderazzjonijiet soggettivi ghal kaz in ezami, naturalment moderati bil-konsiderazzjoni u riflessjoni oggettiva li gudikant irid dejjem jipprospetta x-xerrej komuni – la dak fitt u lanqas dak aljenat, la l-intelligenti u lanqas l-injorant – fi ftit kliem il-kriterju huwa dak ta' persuna komuni u normali".*

Il-perit legali mbaghad kkonkluda hekk:

"Dan l-oneru jassumi importanza aktar rilevanti f'din il-kawza fid-dawl tal-fatt illi l-atturi qeghdin jistriehu fuq il-prova materjali illi z-zewg prodotti jistghu jigu mhawda ma xulxin, ghaliex l-ebda prova indipendenti ma giet tentata mill-atturi sabiex jistabilixxu li kien hemm attwalment konsumaturi li almenu kienu ser jithawdu.

Illi applikat dan kollu, l-esponent huwa tal-fehma illi l-prodott tas-socjeta konvenuta *Master Aperitiv* jista' facilment jithawwad ma' dak spaccat fis-suq mill-atturi. Dan qed jinghad minhabba l-impressjoni generali tal-prodott u l-poter assocjativ li jipproduci u l-impressjoni hija, assiem li l-konsumatur ordinarju ma joqghodx janalizza. Is-sintezi jkun diga wasal ghaliha hafna qabel. Ta' min jirrileva hawn illi l-*Aperol* huwa prodott illi ilu jigi prodott ghal dawn l-ahhar sebghin sena, igawdi certa fama konsiderevoli u huwa notoriament reklamat fuq it-televisjoni Taljana li hija accessibli ghall-konsumatur Malti.

Anke li kieku wiehed kellu janalizza dettaljament iz-zewg prodotti in kwistjoni, l-esponent ma jistax ma jirrimarkax illi jidher, nonostante dak li xehed Antonio Cremona, illi t-tikketta tal-prodott *Master APERITIV* hija sostanzjalment ispirata mit-tikketta tal-APEROL u dan kemm ghal dak li ghandfu x'jaqsam ghal kuluri adoperati – iz-zewg tikketti, infatti, huma karetterizati bil-kulur ahdar, blu u isfar, progettati b'mod kwazi identiku, b'raggi tad-deheb kif ukoll bordura tad-deheb, anke jekk l-ahdar fl-*Aperol* huwa kemm xejn aktar car minn dak tal-*Master APERITIV"* – izda ukoll sinifikanti l-mod kif jolqtok l-isem *"Master APERITTIV"* fuq it-tikketta, fejn il-kliem *Master* jassumi rilevanza ferm sekondarja ghall kelma *"APERITIV"* tant li l-effett tal-kelma Master jista' jinghad li tintilef ghal kollox. Dan kollu imbaghad ghandu jigi evalwat anke fid-dawl tal-fatt illi apparti t-tikketti, l-prodotti huma identici kemm ghal dak li jirrigwarda l-flixkun li fih jigi bottiljat kif ukoll l-kulur ahmar tax-xorb fih innifsu. In fatti l-unika differenza li tezisti f'dan ir-rigward tikkonsisti

fil-fatt illi l-flixkun tal-*Master APERITIV* huwa harira itwal minn dak tal-*Aperol* peress illi wiehed jesa' 75 cls filwaqt li l-iehor jesa' 70 cl. Ghal kumplament, ma hemm xejn li jista' jwassal konsumatur ordinarju li jiddistingwi miz-zewg flixken.

Huwa importanti f'dan l-istadju illi ssir distinzjoni bejn l-isem jew il-marka li tigi uzata minn kummercjant fil-kors tan-negozju tieghu u il-packaging jew dak li llum jissejjah il-"get up" tal-prodott. Il-kwistjoni dwar l-aspett ta' "get up" illum il-gurnata sar jassumi importanza konsiderevoli f'dawn it-tip ta' kawzi kif jinghad fil-ktieb awtorevoli *Kerley's Law of Trademarks and Trade Names* 12 Ed. Pagni 402/404 fejn jinghad illi:

"It is usually true in some degree that a trader's goods are recognized as his by their general appearance or "get up". Accordingly, resemblance of get up is not uncommonly an ingredient in passing off and it is possible for imitation of get up alone to amount to passing off".

Fl-istess kummentarju issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet *Coca cola v. Barr* (1961) "where the use of bottles shaped like the plaintiffs' and unlabbeled was considered deceptive."

Illi fil-kaz in ezami, pero', l-esponent huwa tal-fehma illi s-similarita fl-ghamla tal-flixkun u t-tapp, ghandhom jinghataw importanza sekondarja, fis-sens li dan l-aspett ghandu jigi meqjus fl-assiem tal-provi izda mhux bhala fattur determinanti per se jew bhala soggett ta' atti illeciti ta' konkorrenza. Dan qed jinghad mill-esponent anke fid-dawl ta' dak li gie ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Brian Bajada pro et noe vs Paul Bonnici noe deciza fl-4 ta' Dicembru 1991 (Kollez. LXXV. II. 629, kawza li kienet tirrigwarda allegazzjoni ta' konkorrenza sleali bejn il-prodott "Aperol" u "old Aper", fejn irrizulta illi l-flixkun u l-kulur tal-prodotti kien simili ghal dawk li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna u f'liema kawza gie ritenut illi l-ghamla tal-flixkun tal-Aperol ma kenitx tant rari li tikkostitwixxi fiha nfisha fattur li jikkaraterizza l-marka u l-Aperol innifsu. Inoltre l-esponent izid ighid illi fil-ligi taghna, u senjament l-artiklu 32 tal-Kodici tal-Kummerc, l-azzjoni ta' konkorrenza sleali hija limitata ghall-atti ta' konkorrenza sleali li jinkludu uzu ta' isem, marka jew sinjal distintiv li jistghu jgibu tahwid ma' isem marka jew sinjal distintiv iehor uzati skond il-ligi minn haddiehor.

Illi fid-dawl tal-premess l-esponent jikkonkludi illi l-agir tas-socjeta' konvenuta konsistenti fil-produzzjoni a spaccar fis-suq lokali tal-prodott li jgib l-isem Master APERITIV, inkluz it-tiketta ossia sinjal distintiv

tieghu, ad eskluzjoni, pero', ghall-ghamla tal-flixkun u l-kulur tax-xorb, jikkostitwixxi att ta' konkorrenza sleali kontra d-disposizzjoni tal-artiklu 32 et seq tal-Kodici tal-Kummerc."

Il-Qorti ezaminat il-provi migbura, ir-ritratti esebiti taz-zewg prodotti mertu tal-kawza u l-konkluzjonijiet peritali u, fid-dawl tal-gurisprudenza nostrana tqis li l-perit legali ghamel apprezzament korrett tal-fatti u tal-ligi applikabbli u ghalhekk taghmel taghha l-konkluzjonijiet tieghu. Ghalhekk iridu jigu kkunsidrati r-rimedji applikabbli.

L-atturi qed jitolbu s-segwenti rimedji:

(1) B'mod generali li l-konvenuti jigu inibiti mill-produzzjoni, distribuzzjoni, reklamar, u bejgh tax-xorb bl-isem *Master APERITIV;* u specifikatament
(2) Li jikkonsenjaw lill-atturi t-tikketti kollha tal-*Master APERITIV* biex jigu distrutti;
(3) Li jitterminaw il-produzzjoni tax-xorb bl-istess isem u jirtiraw minn fuq is-suq u minghand id-distributuri l-fliexken bit-tikketta *Master APERITIV* biex jigu konsenjati lill-atturi ghad-distruzzjoni;
(4) Li l-konvenuti ma jkomplux jaghmlu uzu bi fliexken u bit-tikketta ta' l-istess disinn u isem ta' *Master APERITIV*;
(5) Li jigu kkundannati jhallsu lill-atturi dawk id-danni li jigu likwidati.

L-artikolu 37(1) tal-Kodici tal-Kummerc jipprovdi:

> *"Il-kummercjant li jikser xi wahda mill-projbizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 32 sa 36, inkluzivament, hu suggett ghall-azzjoni tad-danni u l-imghaxijiet jew, kif jaghzel il-kummercjant danneggjat, ghal penali. Barra minn dan, il-kummercjant danneggjat jista' jitlob li dak kollu li jkun sar kontra l-projbizzjonijiet hawn fuq imsemmija jigi meqrud, jew li jigi ordnat kull rimedju iehor illi jista', skond ma jkunu c-cirkostanzi, inehhi l-att li bih tkun saret il-konkorrenza mhux lecita".*

Fid-dawl tar-rizultanzi, il-Qorti taqbel mal-perit legali li ghandhom jintlaqghu t-talbiet li l-konvenuti jigu ordnati jikkonsenjaw lill-atturi t-tikketti kollha bl-isem *Master APERITIV* kif ukoll dawk il-fliexken ta'dan il-prodott li jezistu fis-suq. M'ghandhiex pero` tintlaqa' t-talba biex il-konvenuti jieqfu mill-produzzjoni tax-xorb imsemmi. Inoltre lanqas m'ghandu jinzamm l-uzu tal-flixkun u tapp in kwistjoni peress li ma jirrizultax li l-uzu ta' dawn l-oggetti jista' jikkwalifika bhala att illecitu bi ksur ta' l-artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc; ma jistax jinghad

li l-ghamla tal-flixkun ta' l-*Aperol* hu tant rari li jikkaratterizza l-marka u l-*Aperol* fih innifsu. Pero` trid tintlaqa' t-talba biex il-konvenuti jigu ordnati ma jaghmlux uzu tad-disinn u l-isem ta' *Master APERITIV*.

Fl-ahharnett taqbel ukoll li m'ghandhiex tintlaqa' t-talba ghad-danni u imghaxijiet sofferti mill-atturi peress li ma ngabet l-ebda prova mill-atturi li sofrew jew li qeghdin isofru danni minhabba l-agir tas-socjeta` konvenuta. Ix-xiehda ta' Brian Bajada dwar iz-zewg okkazjonijiet meta sab il-prodott tas-socjeta` konvenuta jinbiegh bhala "l-*Aperol* ta' Malta" zgur mhux indikattivi bizzejjed biex il-Qorti tiddetermina xi forma ta' kumpens.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici limitatament kif ser jinghad:

(1) Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta kkommettiet konkorrenza zleali bid-distribuzzjoni, reklamar u bejgh tax-xorb bl-isem *Master APERITIV* bis-sinjali distintivi tieghu u dan bi ksur ta' l-artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc,
(2) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta biex fi zmien tliet xhur millum tikkonsenja lill-atturi t-tikketti kollha bl-isem *Master APERITIV* sabiex jigu distrutti, kif ukoll biex fl-istess terminu jirtiraw minn fuq is-suq sia minghand distributuri sia minghand persuni ohrajn il-fliexken bit-tikketta bl-isem *Master APERITIV* u jikkonsenjawhom lill-atturi biex jigu distrutti,
(3) Tordna li s-socjeta` konvenuta ma tkomplix taghmel uzu mid-disinn u isem ta' *Master APERITIV*.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur